**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Jannar, 2001

**Numru 12**

**Avviz. numru 1914/99JR**

**Law Quintano & Co. Ltd.**

**vs**

**Tony Tonna proprio kif ukoll ghan-nom ta' La Mirana Pizzeria**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Dicembru, 1999, fejn intalab il-hlas ta' mija disgha u sittin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm169.12) bilanc ta' somma akbar, import ta' merkanzija ta' l-ikel lilhu mibjugha ghal La Mirana Pizzeria u debitament konsenjata kif jirrizulta mill-istatement Dok.A.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Novembru, 1999, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-fattura sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-18 ta' Frar, 2000, fejn intqal illi s-socjeta` attrici kienet giet imhallsa tal-merkanzija ikkonsenjata minn Alfred Agius li dak iz-zmien kien jiehu hsieb il-pagamenti kollha ta' La Mirana;**

**Illi ghandha tigi prezentata l-kopja legali ta' l-ittra ufficjali indikata fl-avviz;**

**Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.**

**Semgha x-xhieda ta' Nicolai Balzan ghas-socjeta` attrici, u l-konvenut Tony Tonna. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ra li fi-7 Ta' Novembru, 2000, l-kawza kienet thalliet ghad-decizjoni wara li l-konvenut wara diversi tentativi ma rnexxilux jinnotifika lil Alfred Agius li kien s-salesman fil-kwistjoni.**

**Ra d-degriet moghti fit-13 ta' Novembru, 2000, li bih giet sospiza il-prolazzjoni tas-sentenza, fuq talba tal-konvenut li informa li kellu indirizz iehor fejn jinnotifika lil Alfred Agius.**

**Illi fl-1 ta' Dicembru l-kawza kienet giet differita ghall-ahhar darba sabiex jittella Alfred Agius, pero` dana baqa' ma giex prodott.**

**Ikkunsidra:**

**1. Fl-ewwel lok giet esibita l-kopja legali, Dok.LQ1, ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Novembru, 1999, li kienet intbghatet lill-konvenut, u li kienet giet lilhu notifikata fid-9 ta' Dicembru, 1999.**

**2. Illi Nicolai Balzan ghas-socjeta` attrici ikkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**3. Il-konvenut Tony Tonna jghid li fil-pizzeria kien hemm Alfred Agius responsabbli tal-cash u l-accounts, u kien dan li jircevi l-posta. Jghid li Agius kien jinfurmah lil min hallas. Jghid li dwar pagamenti kien joqghod fuq dak li jghidlu Agius. Qal li d-dokumenti qeghdin ghand Agius.**

**4. Ma ngiebet ebda prova li l-pagament fil-fatt sar kif qed jigi allegat. Ghalhekk jirrizulta li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta pruvata t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut pro et noe jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija disgha u sittin lira Maltija u tnax-il**

**centezmu (Lm169.12) bl-imghaxijiet kummercjali legali mit-28 ta' Novembru, 1997, salv u impregudikat kull dritt spettanti lill-konvenut kontra terzi.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Novembru, 1999, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut pro et noe skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**